# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

## Laqgħa Nru. *16/2016*

Data: Il-Ġimgħa 8 ta' April 2016

Ħin: Fis-6.30 ta' filgħaxija

Post: Fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

---

Preżenti:
*Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson*
*Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson*
*Is-Sinjura Sandra Grech – Membru*
*Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru*
*Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio*

*Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva*

Skużati:

Assenti: *Is-Sur Martin Cefai - Membru*

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti bin-nru. 15/2016;
3. Punti mqajma mill-Minuti bin-nru. 15/2016;
4. Korrispondenza;
5. Budget 2016;
6. Ilmenti u Suġġerimenti;
7. Materja oħra;
8. Aġġornament.

**Minuti** – *KAM 16/2016*

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. Talba

1.1 Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti bin-nru. 15/2016

2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 15/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

3.1 Iċ-Chairperson għarrfet lill-Kamra li x-xogħol fuq il-binja tal-Għassa tal-Pulizija kellu jibda t-Tlieta tal-ġimgħa ta' wara u allura l-oġġetti li hemm tal-Kumitat għandhom jitneħħew minn ġol-għassa. Is-Sindku qal fil-każ jitpoġġew fl-i*store* tal-Kunsill.

3.2 Dwar l-ATM tal-BOV ta' Triq il-Port, is-Sur Fenech staqsa x' inhi l-pożizzjoni tal-Bank fir-rigward tar-rampa bħala aċċess għall-ATM ? Is-Sindku qal il-post huwa tal-privat u mikri lill-Bank. Is-Sur Fenech qal għandha tintbagħat ittra lill-Bank u ssir talba għal rampa.

3.3 Is-Sindku rrefera għax-xogħol ta' traqqiegħ li kien qiegħed isir mill-kuntrattur f' Marsalforn. Dwar it-Triq ta' Santa Marija, ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Ministru għal Għawdex u ssir talba biex isir xogħol ta' tarmak fil-bidu tat-triq, minn naħa tal-Qbajjar sa fejn hemm imħarbat.

## 4. Korrispondenza

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

4.1 Ittra mibgħuta mill-Av. Jean Paul Grech għan-nom ta' H & C Developments Ltd u Trends Development Co Ltd bi tweġiba għall-ittra tal-Kunsill dwar il-ħajt ta' lqugħ fi Triq il-Qbajjar k/m Triq il-Forn.

Is-Sindku ppropona lill-Kumitat u l-Kumitat qabel li jgħaddi din l-ittra lill-Av. Scerri.

4.2 Komunikat tad-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp dwar il-provvista taż-żebgħa għar-*refreshing* tal-marki ta' mal-art f' Marsalforn.
Talba approvata mill-Kumitat; ma jiżdiedux sinjali ġodda.

**4.3 Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| 4.3.1 Kenneth Grech – Unwined Pub Għal attivita` 'Band' nhar it-30 ta' April 2016 mill-4.00pm sa nofsillejl fuq il-*promenade* ta' Marsalforn. | Approvata. |
| 4.3.2 Il-Perit Saviour Micallef għan-nom ta' John Cefai għal kiri ta' *sunbeds* u *umbrellas* mill-Bajja ta' Marsalforn (wara l-Menqa) Sajf 2016. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

## 5. Budget 2016

5.1 Is-Segretarja Eżekuttiva qassmet kopja tal-estimi finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2016. Sar il-qari tad-dokument tal-budget. Is-Segretarja Eżekuttiva rreferiet għall-estimi ta' nfieq kapitali u qalet mill-budget tal-2016, Marsalforn ser jieħu l-ammont ta' €54,300 għal proġetti kapitali.

5.2 Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra l-istima tal-Perit fir-rigward tal-kisi bit-tarmak ta' Triq Għar Qawqla. Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li l-kuntratt tat-tarmak kien għadu ma ngħatax minħabba problemi li kienu nqalgħu. Kif il-kuntratt ikun *awarded* mill-Kunsill, il-Kumitat ikun jista' japprova x-xogħlijiet ta' tarmak għal Marsalforn.

## 6. Ilmenti u Suġġerimenti

**6.1 KAM 07/2016 is-Sur Carmel Zammit**
Talab biex jinbidel il-*bracket* tal-lampa bin-nru. 372/66 imwaħħla mar-residenza nru. 5 fi Triq Santa Marija. It-talba kienet approvata mill-Kumitat.

## 7. Materja Oħra

7.1 Il-Kumitat approva li r-*railings* tal-Qbajjar jinżebgħu b' żebgħa apposta li taqbad ma' ħadid galvanizzat – kulur wajn; iż-żebgħa tinxtara mingħand Agius Industrial Supplies għall-prezz ta' €16.15/75ml.

7.2 Iċ-Chairperson qalet li fi Triq il-Wied hemm rixtellu tal-injam nieqes u xi lqugħ milli kienu saru miksura. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tkellem lill-Inġ. Portelli ta' EkoGħawdex.

7.3 Iċ-Chairperson ipproponiet li ssir xibka tal-plastik oħxon tul ta' 50 pied mal-ilqugħ ta' Triq il-Wied u qalet din tista' titwaħħal mill-bidwi li għaddilha s-suġġeriment. Il-Kumitat qabel.

7.4 Iċ-Chairperson qalet li fi Triq il-Qbajjar hemm xi bankini miksura. Il-Kumitat approva x-xogħlijiet ta' tiswija u jsiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

7.5 Dwar iż-żibel rappurtat f' siti mhux żviluppata ta' maġenb il-Herbees Triq il-Qbajjar u fi Triq Manwel Magro kantuniera ma' Triq il-Qolla s-Safra, ġie deċiż li ssir riċerka dwar is-sidien tal-art.

7.6.1 Iċ-Chairperson ipproponiet biex parti minn Triq il-Qbajjar minn kantuniera ma' Triq Barda sa kantuniera ma Triq il-Forn issir *one-way* mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru 2016.

7.6.2 Is-Sinjura Sandra Grech oġġezzjonat bil-qawwa kollha għall-proposta taċ-Chairperson.

7.6.3 Iċ-Chairperson ressqet il-proposta tagħha biex Triq il-Qbajjar issir *one-way* għall-vot.

| | |
|---|---|
| Favur - | iċ-Chairperson, id-Deputat Chairperson u s-Sur Simon Salomone Reynaud |
| Kontra - | is-Sinjura Sandra Grech |
| Astensjonijiet - | Xejn. |

7.6.4 Il-proposta għaddiet bi tlett voti favur, vot kontra u astensjonijiet xejn.

**7.6.5** Is-Sindku qal mhux qiegħed jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kumitat. Qal hu jemmen li għandna nistennew id-deċiżjoni tal-Qorti għax il-problema tat-traffiku hija dovuta għall-ħajt li nbena fi Triq il-Qbajjar.

**7.7** Is-Sur Simon Salomone Reynaud ressaq dawn il-proposti:

- jitħawwlu siġar fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.
- maġenb il-*breakwater*, issir *heated pool*.

**7.8.1** Dwar il-monument ta' maġenb Smileys Bar fi Triq il-Wied, iċ-Chairperson qalet hi ma taqbilx li l-Ministeru jċaqlaq dan il-monument minn postu. Qalet li tista' ssirlu ħsara u minbarra hekk il-lokazzjoni proposta hi suġġetta għall-imbarazz li jkaxkar il-wied.

**7.8.2** Id-Deputat Chairperson u s-Sur Simon Salomone Reynaud qablu maċ-Chairperson.

**7.8.3** Is-Sinjura Sandra Grech qalet fil-laqgħa mal-Ministru li għaliha kien mistieden il-Kumitat kollu, ħadd ma kien oġġezzjona għaċ-ċaqliq tal-monument.

**7.8.4** Ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' oġġezzjoni dwar iċ-ċaqliq tal-monument lill-Ministru għal Għawdex.

## 8. Aġġornament.

**8.1** Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija. Il-Kumitat aġġorna s-seduta għat-Tlieta 31 ta' Mejju 2016 fis-6.00 ta filgħaxija.

IFFIRMATA

***Marija Saliba***
*Chairperson*

IFFIRMATA

***Diane Tagliaferro***
*Segretarja Eżekuttiva*

Data: ***8 ta' April 2016***